A.L. 228 ta' l-2006

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)

Ordni ta' l-2006 li jħassar l-Ordni dwar Lloyd's bħala Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta'Malta, għamel dan l-Ordni li ġej:

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa Ordni ta' l-2006 li jħassar l-Ordni dwar Lloyd's bħala Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut. Titolu.

2. L-Ordni ta' l-1999 dwar Lloyd's bħala Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut qiegħed b'dan jiġi mħassar. Ħassar A.L. 118 ta' l-1999.